MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2127/2003

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Guido u Carmen konjugi Agius**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-22 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' elf u tlett mija u disgha u disghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1399.20) dovuti skond ghaxar (10) kambjali (032 sa 041) li gew iffirmati minnhom u li skadew fl-1 ta' Mejju, 2002, fl-1 ta' Gunju, 2001, fl-1 ta' Lulju, 2002, fl-1 t'Awissu, 2002, fl-1 ta' Settembru, 2002, fl-1 ta' Ottubru, 2002, fl-1 ta' Novembru, 2002, fl-1 ta' Dicembru, 2002, fl-1 ta' Jannar, 2003, u fl-1 ta' Frar, 2003, izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi interpellati, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 17 ta’ Settembru, 2003 u tal-parir (Lm15.00) kontra l-konvenuti bl-imghax kontra l-istess konvenuti mid-data ta’ kull skadenza, u li huma ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuti datat 18 ta’ Novembru, 2003.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill- konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u tlett mija u disgha u disghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1399.20) bl-imghax legali mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 17 ta’ Settembru, 2003 u tal-parir (Lm15.00), ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------